DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/124

tas-17 ta' Jannar 2023

li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva.

(2) Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK ([1]), li titlob lill-Unjoni li tikkonvinċi l-akbar għadd possibbli ta' pajjiżi li jissottoskrivu għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja, b'mod speċjali dawk b'kapaċitajiet ta' missili ballistiċi. Dik il-pożizzjoni komuni appellat ukoll għall-iżvilupp ulterjuri u għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Kodiċi, speċjalment il-miżuri tiegħu ta' bini ta' fiduċja, u għall-promozzjoni ta' relazzjoni eqreb bejn il-Kodiċi u s-sistema multilaterali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' nonproliferazzjoni.

(3) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 tenfasizza li l-Unjoni ser iżżid il-kontribut tagħha għas-sigurtà kollettiva.

(4) Il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-2022 tirreferi għat-theddida persistenti tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom, u tesprimi l-objettiv tal-Unjoni li jissaħħu azzjonijiet konkreti tal-Unjoni b'appoġġ għall-għanijiet ta' diżarm, nonproliferazzjoni u kontroll tal-armi.

(5) Il-Kunsill preċedentement adotta erba' deċiżjonijiet b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi: id-Deċiżjoni 2008/974/PESK ([2]); id-Deċiżjoni 2012/423/PESK ([3]); id-Deċiżjoni 2014/913/PESK ([4]); u d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 ([5]), kif emendata bid-Deċiżjonijiet (PESK) 2020/1066 ([6]) u (PESK) 2021/2074 ([7]),

([1]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 fuq l-universalità u t-tishih tal-ftehimiet multilaterali fil-qasam tal-kontroll tal-armi nukleari għad-distruzzjoni tal-massa u l-mod tat-trasport tagħhom (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/974/PESK tat-18 ta' Diċembru 2008 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 91).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/423/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għan-nonproliferazzjoni ta' missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 74).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/913/PESK tal-15 ta' Diċembru 2014 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 44).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2370 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 28).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1066 tal-20 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 234I, 21.7.2020, p. 1).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2074 tal-25 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 70).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa l-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u t-tisħiħ tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja permezz ta' azzjoni operazzjonali.

2. L-objettivi tal-azzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) il-promozzjoni tas-sottoskrizzjoni universali għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja;

(b) il-promozzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja mill-istati aderenti; u

(c) il-kontribut biex jiġi integrat aħjar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja fl-isforzi biex titrażżan il-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi.

3. Fl-Anness tinsab deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-*Fondation pour la recherche stratégique* (FRS).

3. L-FRS għandha twettaq il-kompitu msemmi fil-paragrafu 2 taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak il-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti neċessarji mal-FRS.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni imsemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 1 042 614,72.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni korretta tan-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak l-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' għotja mal-FRS. Il-ftehim ta' għotja għandu jistipula li l-FRS għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim msemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mill-FRS. Ir-rapporti għandhom ikunu l-bażi tal-evalwazzjoni li ssir mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
E. SVANTESSON

ANNESS

DOKUMENT TA' PROĠETT

AZZJONI B'APPOĠĠ GĦALL-KODIĊI TA' KONDOTTA TAL-AJA U N-NONPROLIFERAZZJONI TAL-MISSILI BALLISTIĊI FIL-QAFAS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA TAL-UE KONTRA L-PROLIFERAZZJONI TAL-ARMI TA' QERDA MASSIVA (HCOC V)

HR(2022) 287

1. **SFOND U LOĠIKA**

Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi (il-"Kodiċi" jew l-"HCoC") ġie miftiehem fl-2002 biex titrażżan il-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi li kapaċi jwasslu Armi ta' Qerda Massiva (WMDs). Il-Kodiċi fih ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja biex jitnaqqsu r-riskji ta' kalkolu żbaljat li jirriżultaw mit-testijiet tat-titjiriet ta' missili ballistiċi u l-illanċjar minn vetturi lanċaturi tas-satelliti paċifiċi.

Għoxrin sena wara l-adozzjoni tiegħu, il-Kodiċi huwa aktar rilevanti minn qatt qabel, peress li t-teknoloġiji ballistiċi għadhom qed jiġu żviluppati f'ħafna reġjuni tad-dinja u peress li t-tensjonijiet bejn il-pajjiżi li għandhom dawn it-teknoloġiji jagħmlu kwalunkwe mekkaniżmu ta' trasparenza u komunikazzjoni essenzjali biex tiġi evitata l-eskalazzjoni. Filwaqt li l-Kodiċi bħalissa għandu 143 stat membru, huma meħtieġa aktar sforzi fid-dawl tal-universalizzazzjoni sħiħa tal-Kodiċi. L-UE tikkontribwixxi bi sforzi essenzjali ta' outreach biex tippromwovi l-universalizzazzjoni tal-Kodiċi kif ukoll l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tiegħu fir-reġim usa' ta' nonproliferazzjoni.

2. **OBJETTIV ĠENERALI**

L-objettiv ġenerali ta' din l-azzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-fiduċja u t-trasparenza u għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva billi tippromwovi l-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u t-tisħiħ tal-Kodiċi. Din l-Azzjoni ser tikkomplementa u tappoġġa l-impenn diplomatiku tal-Unjoni mal-Istati firmatarji u l-Istati mhux firmatarji għall-Kodiċi.

3. **OBJETTIVI SPEĊIFIĊI**

L-objettivi speċifiċi tal-azzjoni huma:

a. li tippromwovi l-adeżjoni għall-Kodiċi fid-dawl tal-universalità tiegħu, inkluż billi tippromwovi d-djalogu fost l-Istati aderenti u dawk mhux aderenti;

b. li tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi mill-Istati firmatarji;

c. li tikkontribwixxi biex il-Kodiċi jiddaħħal aħjar fl-isforzi għat-trażżin tal-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-viżibbiltà tal-Kodiċi u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-riskji u t-theddid li jirriżultaw mill-proliferazzjoni tal-missili ballistiċi, kif ukoll l-esplorazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' studji, tad-dinamika fil-proliferazzjoni tal-missili ballistiċi, tal-iżviluppi fl-ispazju u tal-possibbiltajiet għat-tisħiħ tal-Kodiċi u tal-promozzjoni tal-interazzjoni bejn il-Kodiċi u strumenti multilaterali rilevanti oħra.

4. **RIŻULTATI MISTENNIJA**

a. Ir-riżultati relatati mal-universalizzazzjoni tal-Kodiċi ser jikkonsistu f'diversi sforzi ta' outreach. L-avvenimenti ta' outreach ser ikollhom l-għan li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-proliferazzjoni tal-missili ballistiċi u r-rilevanza tal-HCoC fil-qasam spazjali, li jipprovdu pjattaforma għall-esperti biex ikollhom skambju informali dwar kwistjonijiet strateġiċi u b'hekk jgħinu fit-tisħiħ tal-fiduċja fost l-Istati, u li jippromwovu l-objettivi tal-Unjoni tal-universalità tal-Kodiċi. B'mod speċifiku, il-*Fondation pour la Recherche Stratégique* (FRS) ser torganizza:

i. Laqgħat ma' uffiċjali minn ħames Stati mhux firmatarji magħżula li juru interess potenzjali li jaderixxu mal-Kodiċi. L-outreach ser ikollu l-għan ta' involviment bejn l-aġenziji ta' livell għoli. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-informazzjoni mfassla apposta, ser jiġi pprovdut segwitu matul il-proġett kollu. Dan l-approċċ immirat ser ikun ibbażat fuq feedback ipprovdut mill-President, is-SEAE, il-Kuntatt Ċentrali Immedjat (KĊI) u l-Istati Membri tal-UE, u sa fejn ikun possibbli, b'appoġġ għall-isforzi tagħhom. Il-laqgħat jistgħu jassoċjaw il-President u r-rappreżentanti minn diversi pajjiżi tal-UE u dawk firmatarji, kif xieraq.

ii. Sa ħames seminars reġjonali u/jew subreġjonali fl-Amerka Latina u l-Karibew, il-Lvant Nofsani, l-Afrika u l-Asja tax-Xlokk. Tali avvenimenti għandhom isiru b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet ospitanti rispettivi u, jekk adatt, l-akkademja rilevanti. L-avvenimenti ser jitwettqu bħala prijorità għall-benefiċċju tal-Istati mhux Firmatarji. Ser tingħata enfasi speċjali lill-parteċipazzjoni tal-Istati firmatarji li huma "*promoturi reġjonali*", sabiex jiġu indirizzati l-prijoritajiet u l-perspettivi minn perspettiva reġjonali. Ser ikunu assoċjati esperti reġjonali, rappreżentanti minn organizzazzjonijiet reġjonali, esperti tal-FRS, uffiċjali tal-UE u l-Istati Membri, il-President u l-KĊI.

iii. Ser jiġu żviluppati żewġ filmati li ser jippermettu t-tixrid ta' informazzjoni mmirata dwar il-Kodiċi. Dawn ser jipprovdu għodda ta' appoġġ għal attivitajiet ta' universalizzazzjoni u ser jintużaw matul avvenimenti ta' outreach iżda ser jiġu trażmessi wkoll lill-KĊI, il-President u l-Istati Firmatarji volontarji għal démarches diplomatiċi dwar il-Kodiċi.

iv. Żewġ avvenimenti sekondarji ddedikati għall-Kodiċi, li minnhom wieħed fil-marġini tal-Ewwel Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York fl-2024, u wieħed fil-marġini ta' avveniment multilaterali rilevanti ieħor. Barra minn hekk, il-kolazzjon(ijiet) jew l-ikla/iet ta' nofsinhar ser jiġu stabbiliti fil-marġini ta' avvenimenti multilaterali bħall-AĠNU b'appoġġ għall-impenn bejn il-President, il-KĊI u/jew l-Istati Membri tal-UE u Stati mhux firmatarji mmirati.

b. L-azzjoni ser tiġġenera riżultati li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-Kodiċi u tan-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi b'mod ġenerali. L-FRS ser tappoġġa b'mod partikolari lill-KĊI fl-identifikazzjoni ta' diffikultajiet possibbli fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi, ser tipprovdi għarfien espert, u ser tikkondividi analiżi u riċerka aġġornati dwar il-proliferazzjoni tal-missili u t-teknoloġija tal-missili.

i. L-FRS ser tappoġġa l-isforzi mwettqa mill-atturi rilevanti lejn implimentazzjoni saħansitra aktar effettiva tal-għodda tal-Kodiċi. Hija ser telabora pjan ta' ħidma, b'mod partikolari b'kooperazzjoni mal-KĊI, biex jintlaħqu l-Istati li qed jiffaċċaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi. Ser tassisti lill-KĊI fl-aġġornament u t-traduzzjoni ta' "Manwal tal-Istati Firmatarji". Din l-attività ser titwettaq b'appoġġ għall-attivitajiet diġà stabbiliti mill-KĊI, il-President u Stati Membri oħra tal-UE kif xieraq, u sa fejn hija utli għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi.

ii. L-FRS ser torganizza tliet avvenimenti sekondarji fil-marġini tal-Laqgħat Regolari Annwali tal-HCoC fi Vjenna biex trawwem l-interazzjoni u l-iskambju bejn uffiċjali li jattendu l-laqgħa, delegati fi Vjenna minn Stati mhux firmatarji u esperti li jaħdmu fuq kwistjonijiet ta' proliferazzjoni ta' missili ballistiċi.

iii. Ser tiġi organizzata sessjoni ta' ħidma informali biex jiġu diskussi modi prattiċi għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi, filwaqt li jinħoloq spazju għal diskussjoni dwar l-isfidi attwali u futuri li qed jiffaċċa l-Kodiċi, li tinvolvi l-atturi statali u mhux statali kollha.

iv. L-FRS ser torganizza, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti, żjara minn grupp internazzjonali ta' esperti f'sit ta' varar fl-ispazju, f'konformità mat-tielet inċiż tas-sottopunt ii) tal-punt (a) tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi preferibbilment ta' pajjiż Asjatiku rilevanti.

c. L-azzjoni ser tiġġenera riżultati bl-għan li l-Kodiċi jiddaħħal aħjar fl-isforzi biex titrażżan il-proliferazzjoni tal-missili. Ser isiru sforzi biex jintlaħqu l-ispeċjalisti reġjonali fil-qasam tan-nonproliferazzjoni, biex jiġu sfruttati aħjar in-netwerks soċjali biex titqajjem kuxjenza dwar il-Kodiċi, biex jinbnew netwerks ta' esperti żgħażagħ u biex tiġi enfasizzata l-importanza tal-Kodiċi fil-qasam tal-ispazju.

i. Biex jiġi żgurat dan l-objettiv, l-esperti tal-FRS ser jipparteċipaw fi stadji importanti ewlenin tal-aġenda internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni bl-għan li titrażżan il-proliferazzjoni tal-AQM.

ii. L-FRS ser iżżid il-viżibbiltà tal-proġett, permezz tal-ħolqien ta' identità grafika aġġornata, l-aġġornament u d-distribuzzjoni ta' fuljetti u pakkett ta' merħba, ir-rappreżentazzjoni tal-proġett tal-HCoC fuq il-media soċjali u r-realizzazzjoni ta' bullettin dwar l-attivitajiet imwettqa. Dan il-materjal ser jassisti lill-KĊI u lill-President fit-twettiq tal-missjoni tagħhom.

iii. L-FRS ser toħloq *grupp taż-żgħażagħ* biex jiżviluppa għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-missili. Il-ħsieb hu li dan il-grupp jiltaqa' darbtejn wiċċ imb'wiċċ matul il-perjodu ta' implimentazzjoni u diversi drabi online. Kull laqgħa ser tkun l-opportunità biex titħeġġeġ il-pubblikazzjoni tad-dokumenti mill-membri tal-grupp. Ser jintgħażlu 15-il Membru bħala parti mill-*grupp taż-żgħażagħ*, miftuħa għal Stati firmatarji u Stati mhux firmatarji mmirati. Il-grupp ser ikun magħmul minn professjonisti żgħażagħ u studenti, u fl-għażla ser jiġu kkunsidrati l-bilanċ ġeografiku u dak bejn il-ġeneri kif ukoll id-diversità. Din l-attività ser iżżid l-għarfien dwar il-Kodiċi billi tiżgura li r-rappreżentanti mill-ġenerazzjoni żagħżugħa involuti fi kwistjonijiet ta' diżarm u nonproliferazzjoni madwar id-dinja jkunu familjari mal-ispeċifiċitajiet tat-tixrid tal-missili.

iv. L-FRS ser tipproduċi wkoll għarfien espert dwar missili ballistiċi, lanċaturi u dinamika tal-proliferazzjoni. L-FRS ser tkompli tiżviluppa l-bażi tad-data dwar il-missili u l-lanċaturi biex iżżommha aġġornata u żżid l-għadd ta' infografika fuq il-paġni web rilevanti. L-FRS ser tikteb/tikkummissjona u tippubblika tliet dokumenti ta' riċerka u tliet dokumenti qosra dwar l-aspetti tekniċi, legali jew politiċi marbuta mal-Kodiċi, li jistgħu jkunu marbuta mal-avvenimenti ta' outreach u l-workshops tematiċi rilevanti deskritti hawn fuq.

5. **BENEFIĊJARJI FINALI**

a. L-Istati, kemm dawk firmatarji kif ukoll l-Istati mhux firmatarji tal-Kodiċi;

b. uffiċjali tal-gvern, dawk li jfasslu l-politika, regolaturi, esperti, speċjalment li jirrappreżentaw ġenerazzjoni aktar żagħżugħa ta' esperti;

c. l-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali;

d. l-akkademja u s-soċjetà ċivili, speċjalment dawk li jirrappreżentaw ġenerazzjoni aktar żagħżugħa ta' esperti;

e. il-President tal-HCoC;

f. il-Kuntatt Ċentrali Immedjat tal-HCoC (Ministeru għall-Affarijiet Barranin Awstrijak).

6. **POST**

L-FRS ser tagħżel, b'konsultazzjoni mas-servizzi rilevanti tas-SEAE, il-postijiet potenzjali għal-laqgħat, il-workshops u avvenimenti oħrajn. Il-kriterji li jintużaw għall-għażla tal-postijiet ser jinkludu r-rieda u l-impenn ta' Stat jew organizzazzjoni intergovernattiva rilevanti f'reġjun partikolari li tospita l-avveniment. Il-postijiet speċifiċi taż-żjarat f'pajjiż jew tal-attivitajiet speċifiċi għall-pajjiż ser jiddependu mill-istediniet mill-Istati jew l-organizzazzjonijiet intergovernattivi interessati. Għalkemm il-valur tal-laqgħat u l-avvenimenti wiċċ imb'wiċċ huwa ta' importanza kbira, ser jiġu organizzati laqgħat virtwali fejn xieraq biex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza.

7. **DURATA**

Id-durata totali stmata tal-azzjoni hija ta' 36 xahar.